



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

SKEDA INFORMATTIVA

it-12ta' diċembru 2017

Mistoqsijiet u tweġibiet - id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE27 u tar-Renju Unit wara l-Brexit, kif spjegat fir-Rapport Konġunt min-Negozjaturi tal-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Renju Unit

Dan id-dokument jipprovdi informazzjoni dwar il-fehim komuni li ntlaħaq dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE27 u tar-Renju Unit wara l-Brexit kif stabbilit fir-Rapport Konġunt min-negozjaturi tal-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Renju Unit dwar il-progress tal-ewwel fażi tan-negozjati skont l-Artikolu 50 TUE. F'każ li l-Kunsill Ewropew (Artikolu 50) iqs li fil-15 ta' Diċembru jkun sar biżżejjed progress fin-negozjati, il-Ftehim dwar il-Ħruġ ibbażat fuq l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea - li fuqu ċ-ċittadini se jibbażaw id-drittijiet tagħhom - jenħtieġ li jiġi abbozzat fuq il-bażi tar-Rapport Konġunt u l-eżitu tan-negozjati dwar kwistjonijiet oħra tal-Ħruġ. Dan id-dokument attwali jinterpreta r-Rapport Konġunt għal skopijiet ta' informazzjoni biss u jenħtieġ li ma jiġix mifhum bħala l-aħħar test tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.[\[1\]](#)

Kamp ta' applikazzjoni personali

Min se jkun kopert bil-Ftehim dwar il-Ħruġ?

Iċ-ċittadini Ewropej iridu jkunu qed joqogħdu legalment fl-istat ospitanti fid-data tal-Ħruġ tar-Renju Unit, skont id-dritt tal-UE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE.

Il-kundizzjonijiet ta' residenza huma l-istess bħal dawk skont id-dritt tal-UE attwali. Id-deċizzjonijiet għall-kisba ta' status skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ se jsiru bil-kriterji oġġettivi stabbiliti fih (***jiġifieri l-ebda diskrezzjoni***), u abbażi tal-istess kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Moviment Liberu (***l-Artikoli 6 u 7 jagħtu dritt ta' residenza sa ħames snin lil dawk li jaħdmu jew għandhom biżżejjed riżorsi finanzjarji u assigurazzjoni medika***), ***l-Artikoli 16 - 18 jagħtu d-dritt ta' residenza permanenti lil dawk li għexu legalment għal ħames snin***).

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ ma jeħtieġx preżenza fiżika fl-istat ospitanti fid-data tal-Ħruġ tar-Renju Unit - nuqqasijiet temporanji li ma jaffettwawx id-dritt tar-residenza huma aċċettati.

Wasalt fir-Renju Unit sentejn ilu u naħdem fi sptar lokali. Nista' nibqa' wara li r-Renju Unit jitlaq mill-UE?

Iva. Il-Ftehim jistipula li tkun tista' tibqa' fir-Renju Unit jekk tkompli taħdem (jew jekk tiegħi taħdem b'mod involontarju skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva tal-Moviment Liberu). Id-drittijiet ta' residenza tiegħek fir-Renju Unit mhux se jiġu affettwati mill-Brexit: inti tista' żżomm ir-residenza tiegħek skont il-kundizzjonijiet tal-liġi tal-moviment liberu tal-UE bħallikieku baqgħet



tapplika, għalkemm ikollok b'zonn tagħmel applikazzjoni għal status mal-awtoritajiet tar-Renju Unit. Ladarba tkun akkumulajt ħames snin ta' residenza legali fir-Renju Unit, tkun tista' tapplika biex l-istatus ta' residenza tiegħek fir-Renju Unit jiġi aġġornat biex ikun wieħed permanenti li joffri iktar drittijiet u protezzjoni aħjar.

Jien Brittaniku li ngħix u naħdem fil-Lussemburgu. Irrid inkompli naħdem biex inżomm id-drittijiet tiegħi hemm?

Ir-Rapport Konġunt jiproteġi dawk iċ-ċittadini tal-UE li kienu qed jgħixu fi Stat Membru għajr dak tan-nazzjonalità tagħhom skont il-kundizzjonijiet li l-liġi tal-moviment liberu tal-UE torbot mad-dritt tar-residenza. Essenzjalment, iċ-ċittadini tal-UE jilħqu dawn il-kundizzjonijiet jekk:

- ikunu ħaddiema jew impjegati għal rashom;
- ikollhom biżżejjed riżorsi u assigurazzjoni medika;
- ikunu membri tal-familja ta' ċittadin ieħor tal-UE li jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet; jew
- ikunu diġà kisbu d-dritt ta' residenza permanenti **(li ma tkunx għadha suġġetta għall-ebda kundizzjoni)**.

Huwa possibbli li wieħed jaqleb bejn dawn il-kategoriji. Inti żżomm id-drittijiet tiegħek sakemm tissodisfa l-kundizzjonijiet għal tal-inqas kategorija waħda.

Ilni ngħix fir-Renju Unit mill-2005 u ksibt dokument ta' residenza permanenti hemm. Se jinbidel xi ħaġa għalija wara l-Brexit?

Se jkollok tapplika għal status permanenti ġdid skont il-liġi tar-Renju Unit (imsejjaħ status speċjali) iżda, peress li diġà ksibt dokument ta' residenza permanenti fir-Renju Unit skont il-liġi dwar il-moviment liberu tal-UE eżistenti, il-proċedura amministrattiva se tkun formalità u jkollok biss tippreżenta karta tal-identità, tiddikjara kwalunkwe kundanna penali u turi li għadek tgħix fir-Renju Unit. Id-dokument ta' residenza tar-Renju Unit il-ġdid tiegħek se jinħareġ mingħajr ħlas.

Jien ċittadin tar-Renju Unit. Sentejn ilu, ġejt il-Ġermanja biex naħdem fil-kostruzzjoni. Sfortunatament, riċentement kelli aċċident fuq il-post tax-xogħol u ninsab b'diżabbiltà permanenti. Nispera li ma jkollix nitlaq wara l-Brexit!

Mhux se jkollok titlaq. Dawk li kellhom jieqfu jaħdmu bħala riżultat ta' diżabbiltà permanenti għax-xogħol kawża ta' aċċident fuq il-post tax-xogħol jiksibu dritt ta' residenza permanenti skont il-liġi tal-moviment liberu tal-UE. Dak id-dritt se jinżamm wara l-Brexit.

Dawk iċ-ċittadini tal-UE li jaslu fir-Renju Unit biex ifittxu xogħol numru ta' xhur qabel il-Brexit se jkunu protetti b'xi mod?

Iva. Iċ-ċittadini tal-UE li jfittxu xogħol fir-Renju Unit fid-data tal-Brexit se jkunu jistgħu jibqgħu, bħal ma jiġri illum il-ġurnata, għal sitt xhur wara l-wasla tagħhom **(forsu ftit iktar jekk ikollhom ċans ġenwin li jsibu xogħol malajr)**. Ladarba jgħaddi l-perjodu permess ta' tfittxija ta' xogħol, ikollhom jitolqu sakemm ma jkunux sabu xogħol jew ikollhom biżżejjed riżorsi finanzjarji biex jappoġġaw lilhom infushom.

Jien ngħix Londra iżda nivvjaġġa lejn Pariġi fuq xogħol. Se nkun nista' nkompli naħdem fi Franza wara l-Brexit?



Iva. Il-patt jiproteġi wkoll il-ħaddiema bejn il-fruntieri. Se tkun tista' tkompli taħdem f'Pariġi filwaqt li tgħix Londra.

Wasalt fir-Renju Unit sentejn ilu iżda ma sibtx xogħol. Bħalissa ma għandix flus. Se nkun nista' nibqa' ngħix hawn wara l-Brexit?

Ir-Rapport Konġunt jiproteġi dawk iċ-ċittadini tal-UE li kienu qed jgħixu fi Stat Membru għajr dak tan-nazzjonalità tagħhom skont il-kundizzjonijiet li l-liġi tal-moviment liberu tal-UE torbot mad-dritt tar-residenza. Essenzjalment, iċ-ċittadini tal-UE jilħqu dawn il-kundizzjonijiet jekk:

- ikunu ħaddiema jew impjegati għal rashom;
- ikollhom biżżejjed riżorsi u assigurazzjoni medika;
- ikunu membri tal-familja ta' ċittadin ieħor tal-UE li jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet; jew
- ikunu diġà kisbu d-dritt ta' residenza permanenti **(li ma tkunx għadha suġġetta għall-ebda kundizzjoni)**.

Dawk iċ-ċittadini tal-UE li ma jissodisfawx dawn il-kundizzjonijiet fil-Brexit ma jkollhom l-ebda dritt legali biex jibqgħu fir-Renju Unit u s-sitwazzjoni tagħhom se tkun tiddependi minn jekk l-awtoritajiet tar-Renju Unit jiddeċidux li jittrattawhom b'mod iktar favorevoli minn dak li jistipula l-patt. Pereżempju, l-awtoritajiet tar-Renju Unit indikaw li mhux se jitolbu lil persuni li għandhom biżżejjed riżorsi, inklużi studenti, għal evidenza ta' assigurazzjoni medika komprensiva.

Ġejt ir-Renju Unit ħafna snin ilu biex ningħaqad ma' marti Brittanika. Marti hija diżabbli u nieħu ħsiebha u nassistiha. Naħseb li r-residenza tiegħi fir-Renju Unit hija legali iżda ninsab imħasseb dwar jekk inkunx nista' nieħu protezzjoni wara l-Brexit skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Huma biss dawk iċ-ċittadini tal-UE li kienu qed jgħixu fir-Renju Unit fiż-żmien tal-Brexit, skont il-kundizzjonijiet li l-liġi tal-moviment liberu tal-UE torbot mad-dritt ta' residenza, li huma garantiti li jkunu protetti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Iċ-ċittadini tal-UE li joqogħdu fir-Renju Unit skont liġijiet domestiċi **(membri tal-familja ta' ċittadini Britanniċi ...)** iżda ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tal-liġi tal-moviment liberu tal-UE se jkunu jistgħu jibqgħu skont dawk il-liġijiet domestiċi li mhumiex affettwati bil-Brexit.

Il-ftehim tar-Renju Unit li jidderoga r-rekwiżit tal-assigurazzjoni medika komprensiva huwa unilaterali u mhux vinkolanti. Xi jfisser?

Aħna nfittxu li niproteġu d-drittijiet hekk kif jinsabu bħalissa skont id-dritt tal-UE, xejn iżjed, xejn inqas.

L-assigurazzjoni medika komprensiva hija b'mod ċar rekwiżit għal residenza legali ta' persuni awtosuffiċjenti kif stabbilit fl-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva dwar il-Moviment Liberu. Ir-Renju Unit indika li ma huma se japplikaw la l-kundizzjoni tal-assigurazzjoni medika komprensiva, u lanqas it-**"test ta' xogħol ġenwin"** fl-applikazzjoni għall-istatus.[\[2\]](#)

L-Istati Membri UE 27, skont id-dritt tal-UE attwali, huma ħielsa li jagħmlu l-istess (l-Artikolu 37 tad-Direttiva 2004/38/KE).



Jien Brittaniku u missieri jaħdem il-Portugall. Jien ngħix miegħu u mmur skola lokali. Se nkun nista' nibqa' ngħix il-Portugall?

Iva, se tkun tista' tibqa'. Il-patt jiżgura li l-membri kollha tal-familja, irrispettivament jekk humiex ċittadini tal-UE jew le, li kienu qed jgħixu b'mod legali ma' ċittadin tal-UE fir-Renju Unit jew l-UE27 fid-data tal-ħruġ tar-Renju Unit jistgħu jibqgħu taħt l-istess kundizzjonijiet li kienu jeżistu qabel il-Brexit.

Jien konjuġi Korean. Ġejt fir-Renju Unit erba' snin ilu u ngħix ma' żewġi mill-UE iżda ż-żwieġ jinsab f'diffikultà dan l-aħħar. Irrid applika għad-divorzju iżda ninsab inkwetata dwar x'se jfisser għad-dritt tiegħi ta' residenza wara l-Brexit.

Ir-Rapport Konġunt jirreplika l-liġi tal-moviment liberu tal-UE li, taħt ċerti kundizzjonijiet, diġà tiproteġi konjuġi mhux mill-UE li jiddivorzjaw minn ma' ċittadin tal-UE. Inti tissodisfa dawk il-kundizzjonijiet. Ladarba d-divorzju tiegħek jiġi finalizzat, xorta tkun trid turi lill-awtoritajiet tar-Renju Unit li tissodisfa l-kundizzjonijiet li d-dritt tal-UE dwar il-moviment liberu jorbot mad-dritt ta' residenza bħallikieku kont ċittadin tal-UE. Ladarba takkumula ħames snin ta' residenza legali kontinwa, tkun tista' tapplika għal status permanenti fir-Renju Unit.

Snin ilu, ġejt ir-Renju Unit fuq xogħol, filwaqt li bbażajt fuq in-nazzjonalità Ċeka tiegħi. Riċentement, sirt naturalizzat. Bħala ċittadin Ċek/Brittaniku, x'se jkun l-istatus tiegħi?

Iċ-ċittadinanza Brittanika tiegħek tagħtik dritt ta' residenza mingħajr kundizzjonijiet fir-Renju Unit. Min-naturalizzazzjoni tiegħek, ir-residenza tiegħek fir-Renju Unit ma għadhiex taħt id-Direttiva ta' Moviment Liberu. In-nazzjonalità Ċeka tiegħek, min-naħa l-oħra, tiżgura li tkompli tkun kopert mill-ftehim dwar il-ħruġ. Għalhekk, se tkun tista' tibbaża fuq il-**ftehim pereżempju, għal drittijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja**.

Jien Brittaniku u ngħix mal-familja fl-Italja. Nifhem li d-dritt tiegħi li nibqa' fl-Italja se jkun protett - iżda x'jiġri mid-dritt li nirritorna fir-Renju Unit mal-familja tiegħi?

Il-patt jiproteġi d-drittijiet ta' dawk li għamlu użu mill-moviment liberu tagħhom u jgħixu fi stat ieħor li mhux dak tan-nazzjonalità tagħhom. Ma jiproteġix dawk li jgħixu fl-istat tan-nazzjonalità tagħhom, irrelevanti minn jekk irritornawx f'pajjiżhom qabel il-Brexit jew wara l-Brexit. Id-drittijiet tagħhom se jkunu soġġetti għal regoli domestiċi rilevanti.

Membri tal-familja

Jien ngħix u naħdem fir-Renju Unit mas-sieħeb/sieħba tiegħi. Qed nippjanaw li jkollna tarbija daqt. Għandna nħaffu l-pjanijiet tagħna u jkollna t-tarbija qabel il-Brexit?

M'hemmx għalfejn tgħaġġlu. Il-patt jiżgura li tfal li jitwiellu lil familji mill-UE li jgħixu fir-Renju Unit qabel jew wara l-Brexit se jkunu jistgħu jibqgħu. F'ċerti sitwazzjonijiet, il-liġi tar-Renju Unit tagħti ċittadinanza Brittanika lil tfal bħal dawn, apparti n-nazzjonalità li t-tfal jista' jkollhom permezz tal-ġenituri tagħhom.



Jien ngħix fir-Renju Unit mal-konjuġi tiegħi mill-UE. Ingħatajt karta ta' residenza tal-UE. Nista' nibqa' wara l-Brexit?

Iva, tista' tibqa'. Il-patt jipproteġi dawk il-membri kollha tal-familja li ilhom jgħixu b'mod legali ma' ċittadin mill-UE fir-Renju Unit qabel il-Brexit. Se jkunu permessi jibqgħu iżda jkollhom japplikaw għal status tar-Renju Unit ġdid (status speċjali) u dokument ta' residenza tar-Renju Unit ġdid.

Jien ngħix fir-Renju Unit mal-ulied li adottajt. Se nkunu nistgħu nibqgħu ngħixu hawn flimkien?

Iva, se tkunu tistgħu tibqgħu flimkien. Ir-Rapport Konġunt jipproteġi dawk il-membri kollha tal-familja li ilhom jgħixu b'mod legali ma' ċittadin mill-UE fir-Renju Unit qabel il-Brexit. Tfal adottati jiġu trattati bl-istess mod bħal tfal bijoloġiċi.

Numru ta' snin ilu, applikajt mal-awtoritajiet tar-Renju Unit biex inkun nista' ningħaqad mal-kuġina tiegħi mill-UE li tgħix ġewwa Edinburgħ għax kont dipendenti materjalment fuqha. L-awtoritajiet tar-Renju Unit aċċettaw dan u ħarġuli karta ta' residenza tal-UE. X'se jiġri minni?

Tista' tibqa'. Ir-Rapport Konġunt jipproteġi dawk il-membri kollha tal-familja li ilhom jgħixu b'mod legali ma' ċittadin mill-UE fir-Renju Unit qabel il-Brexit. Se jkunu permessi jibqgħu iżda jkollhom japplikaw għal status tar-Renju Unit ġdid (status speċjali) u dokument ta' residenza tar-Renju Unit ġdid.

Jien is-sieħba reġistrata ta' ċittadin tal-UE li jgħix fir-Renju Unit. Qed nippjana li ningħaqad miegħu hemm iżda mhux qabel erba' snin oħra minħabba impenji tax-xogħol eżistenti f'pajjiżi. Se nkun nista' ningħaqad miegħu anki wara l-Brexit?

Iva. Il-patt jipproteġi sieħba li kienu f'tali sħubija ma' ċittadin tal-UE fil-jum tal-Brexit iżda ma kinux qed jgħixu flimkien fir-Renju Unit - eżattament bl-istess mod bħall-konjuġi. Se tkun tista' tingħaqad mas-sieħeb/sieħba tiegħek mill-UE fir-Renju Unit, sakemm tibqa' s-sieħeb/sieħba reġistrat(a) tiegħu/tagħha meta tfittex li tiġi fir-Renju Unit.

Jien in-neputi ta' ċittadin tal-UE li jgħix fir-Renju Unit. Qed nippjana li ningħaqad miegħu hemm iżda mhux qabel erba' snin oħra minħabba impenji ta' studju eżistenti f'pajjiżi. Se nkun nista' ningħaqad miegħu anki wara l-Brexit?

Iva. Il-patt ma jipproteġix membri tal-familja estiża ta' ċittadini tal-UE (**ħlief dawk fi sħubiji durabbli**) li kienu relatati ma' ċittadin tal-UE fid-data tal-ħruġ tar-Renju Unit iżda li ma kinux qed jgħixu mal-qraba tagħhom f'dik id-data. Jekk tiddeċiedi li tingħaqad mal-qarib tiegħek wara l-Brexit, se tkun soġġett għal-liġi dwar l-immigrazzjoni tar-Renju Unit.

Jien ngħix u nistudja ġewwa Cardiff. Marti tgħix barra, flimkien mat-tarbija ċkejna tagħna. Jixtiequ jingħaqdu miegħi ladarba nlesti l-istudju u nsib xogħol. Se jkunu jistgħu jagħmlu dan wara l-Brexit jew jaqbilhom iħaffu?

Se jkunu jistgħu jingħaqdu miegħek wara l-Brexit. Il-patt jipproteġi mhux biss dawk il-membri tal-familja mill-qrib li ilhom jgħixu legalment ma' ċittadin tal-UE fir-Renju Unit qabel il-Brexit, iżda wkoll dawk il-membri tal-familja mill-qrib li kienu relatati ma' ċittadin tal-UE fil-Brexit iżda



ma kinux qed jgħixu fir-Renju Unit. Se jkunu jistgħu jingħaqdu miegħek wara l-Brexit, sakemm tibqgħu miżżewġin meta martek tfittex li tiġi fir-Renju Unit.

Jien ngħix u naħdem fir-Renju Unit. Jien għażeb/xebba iżda nittama li xi darba niżżewweġ. Realistikament, dan se jiġri wara l-Brexit. Il-konjuġi futur tiegħi se jkun/tkun jista'/tista' jingħaqad/tingħaqad miegħi fir-Renju Unit? U jekk ikollna tarbija?

Le. Il-patt ma jipproteġix dawk li jiżżewġu ċittadin tal-UE wara l-Brexit. Kwalunkwe konjuġi futur se jkollu/jkollha jikkonforma/tikkonforma mar-regoli tal-immigrazzjoni tar-Renju Unit.[\[3\]](#) Kwalunkwe wild futur se jkun jista' jingħaqad ma' ċittadin tal-UE residenti fir-Renju Unit qabel il-Brexit jekk dak il-ġenitur ikollu kustodja legali tal-wild.

Drittijiet ta' residenza

Jien nistudja fl-università fir-Renju Unit. Jekk kollox imur sew, l-istudji tiegħi se nlestihom fl-2020. Se nkun nista' nibqa' fir-Renju Unit u nfittex xogħol hawn?

Iva. Se tkun tista' tibqa' fir-Renju Unit wara l-Brexit kif int issa, bħala student jew pereżempju bħala persuna li qed tfittex impjieg jew ħaddiem. Wara ħames snin ta' residenza inti tkun tista' tapplika għal status permanenti ġdid skont il-liġi tar-Renju Unit (***imsejjaħ status speċjali***). Ċittadini tal-UE residenti fir-Renju Unit qabel il-Brexit se jkomplu jkunu jistgħu jaqilbu bejn kategoriji differenti ta' attività. Fi kliem ieħor, l-istudenti se jkunu jistgħu jibdedw jaħdmu (***u jsiru ħaddiema***), il-ħaddiema se jkunu jistgħu jirtiraw (***u jsiru persuni awtosuffiċjenti***), il-persuni awtosuffiċjenti se jkunu jistgħu jibdedw jistudjaw, eċċ.

Jien Brittaniku u ilni naħdem fin-Netherlands mill-1995. Qed nippjana li nirtira fl-2023. Qed infittex għal parir dwar jekk inkunx nista' nibqa' wara li nirtira.

Iva. Bħala persuna li ħadmet għal tal-inqas ħames snin, inti diġà ksibt dritt ta' residenza permanenti fin-Netherlands li ma għadhiex soġġetta għall-ebda kundizzjoni (***bħal dik li trid tkompli taħdem***).

Jien ngħix fir-Renju Unit ma' ommi li taħdem bħala inġinier. Jien immur l-iskola iżda nittama li niftaħ il-ħanut tiegħi u nbigħ il-fjuri. Se nkun nista' nibqa' u nibda naħdem ladarba nlesti l-iskola?

Iva. Mhux biss se tkun tista' tibqa' fir-Renju Unit, iżda se żżomm ukoll l-għażliet kollha li l-liġi tal-moviment liberu tal-UE attwalment tagħti liċ-ċittadini tal-UE. Se tkun tista' taħdem, tistudja, tmexxi negozju jew tibqa' d-dar u tiegħu shieb il-membri tal-familja tiegħek.

Ġejt ir-Renju Unit sentejn ilu biex nistudja. Is-sena l-oħra studjajt l-Italja fuq Erasmus+ għal ħames xhur u mbagħad irritornajt fl-università tiegħi tar-Renju Unit. Nispera li dan iċ-ċaqliq ma jkollu l-ebda impatt negattiv fuq ir-residenza tiegħi fir-Renju Unit!



Mhu se jikollu l-ebda impatt fuq id-drittijiet tiegħek fir-Renju Unit. Ladarba tlesti l-ħames snin ta' residenza kontinwa fir-Renju Unit (***inklużi perjodi ta' residenza ta' qabel u wara l-Brexit***), tkun tista' tapplika għal status permanenti ġdid (status speċjali) fir-Renju Unit. Il-liġi dwar il-moviment liberu tal-UE attwali tistipula li perjodu ta' assenza ta' inqas minn sitt xhur f'sena ma jaffettwax il-kontinwità ta' residenza. Dawn is-salvagwardji huma wkoll inklużi fir-Rapport Konġunt.

Wasalt fir-Renju Unit tliet snin ilu u ilni impjegat għal rasi minn dakinhar. Se nkun nista' ngħib residenza permanenti hawn u jekk iva, taħt liema kundizzjonijiet?

Ladarba tlesti l-ħames snin ta' residenza legali fir-Renju Unit (***inklużi perjodi ta' residenza ta' qabel u wara l-Brexit***), tkun tista' tapplika għal status permanenti ġdid fir-Renju Unit.

Il-patt jipproteġi dawk iċ-ċittadini tal-UE li kienu qed jgħixu fi Stat Membru għajr dak tan-nazzjonalità tagħhom skont il-kundizzjonijiet li l-liġi tal-moviment liberu tal-UE torbot mad-dritt tar-residenza. Essenzjalment, ir-residenza taċ-ċittadini tal-UE hija legali jekk:

- ikunu ħaddiema jew impjegati għal rashom;
- ikollhom biżżejjed riżorsi u assigurazzjoni medika; jew
- ikunu membri tal-familja ta' ċittadin tal-UE li jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet.

Ladarba jkollok ħames snin ta' residenza kontinwa u legali, tkun tista' tapplika għal status permanenti ġdid (status speċjali) fir-Renju Unit u tingħata dokument ta' residenza ġdid tar-Renju Unit. L-awtoritajiet tar-Renju Unit indikaw li mhux se jitolbu lil persuni li għandhom biżżejjed riżorsi, inklużi studenti, għal evidenza ta' assigurazzjoni medika komprensiva.

Jien Brittaniku u għext fl-Awstrija mal-ġenituri tiegħi għal disa' snin. It-tnejn li huma jaħdmu. Għandi xi drittijiet ta' residenza fl-Awstrija wara l-Brexit?

Iva. Bħala persuna li għexet fi Stat Membru tal-UE għal tal-inqas ħames snin, inti diġà ksibt dritt ta' residenza permanenti li ma għadhiex soġġetta għall-ebda kundizzjoni (***bħal dik li trid tkompli tkun membru tal-familja***). Dan id-dritt se jinżamm taħt ir-Rapport Konġunt.

Jien għandi residenza permanenti fir-Renju Unit fejn twelidt u trabbejt. L-istudji tiegħi tal-università jinsabu fi stadju avanzat u diġà għandi offerta tajba ta' impjieg fis-Slovakkja. Qegħdin joffruli kuntratt ta' tliet snin iżda nibża' li jekk nitlaq mir-Renju Unit ma nkunx nista' niġi lura. Jekk jogħġbokom iċċarawli d-dubji tiegħi!

Minħabba ċ-ċirkostanzi ta' eċċezzjoni tal-Brexit, il-patt jipprevjeni li l-istatus ta' residenza permanenti l-ġdid tar-Renju Unit (***status speċjali***) milli jiskadi f'każ ta' assenzi ta' inqas minn ħames snin konsekuttivi. Ladarba applikajt u ksibt dak l-istatus mill-awtoritajiet tar-Renju Unit tkun tista' titlaq mir-Renju Unit għal massimu ta' ħames snin u mbagħad tirritorna mingħajr ma jiskadi dak l-istatus.

Ilni ngħix u naħdem fir-Renju Unit għal 15-il sena. Nispera li nkun nista' nibqa' fir-Renju Unit wara l-Brexit. Tistgħu tassigurawni li se nkun nista' nżomm id-drittijiet u l-intitolamenti tiegħi b'mod indefinit?

Il-patt jagħmilha ċara li ma hemm l-ebda "skadenza" meta d-drittijiet jiskadu. Dawk kollha protetti skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ se jżommu d-drittijiet u l-intitolamenti tagħhom għal ħajjithom kollha.



Madankollu, il-Ftehim jipprovdi li xi drittijiet jistgħu jiskadu f'ċerti ċirkostanzi. Pereżempju, l-istatus ta' residenza permanenti l-ġdid tar-Renju Unit (***status speċjali***) jiskadi jekk persuna tkun assenti mill-istat ospitanti għal perjodu kontinwu li jaqbeż il-ħames snin.

Mhuwhiex ġust li ċittadini tar-Renju Unit ikunu imsakkra fil-pajjiż tal-UE fejn kienu jgħixu fid-data tal-ħruġ tar-Renju Unit peress li r-Rapport Konġunt ma jinkludix id-dritt għal mobilità intra-UE wara l-Brexit.

Huwa ġust li jingħad li ċittadini tar-Renju Unit x'aktarx ma jiġux "imsakkra f'pajjiż", għalkemm il-punt sa fejn ikunu jistgħu jaħdmu, jistabbilixxu negozju, jistudjaw, jieħdu benefiċċji jew jieħdu kura tas-saħħa barra mill-istat ospitanti tagħhom għad irid jiġi deċiż. Anki jekk il-ftehim dwar il-ħruġ finali ma jinkludix dritt ta' moviment liberu madwar l-UE 27 għal ċittadini tar-Renju Unit fl-UE, hemm leġiżlazzjoni tal-UE dettaljata li tittratta d-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jiċċaqilqu madwar l-UE.

Jien ngħix b'mod permanenti fir-Renju Unit. Jien nirċievi benefiċċju ta' assistenza soċjali. Inkun nista' nibqa' fir-Renju Unit wara l-Brexit iżda xorta nieħu l-benefiċċju li għandi bżonn?

Iva. Iċ-ċittadini tal-UE kollha residenti fir-Renju Unit li jikkwalifikaw għal status tar-Renju Unit ġdid wara l-Brexit se jżommu d-dritt tagħhom ta' residenza u ta' trattament indaqs. Dan ifisser li fejn kienu intitolati għal benefiċċju, intitolament jew vantaġġ qabel il-Brexit, se jkomplu jibbenefikaw mill-istess trattament.

Jien ċittadin tal-UE u nistudja fl-università fir-Renju Unit. Se jkollni nħallas miżata għat-tagħlim iktar għolja wara l-Brexit? Se jkollni aċċess għal self għall-istudenti?

Iċ-ċittadini tal-UE kollha residenti fir-Renju Unit li jikkwalifikaw għal status tar-Renju Unit ġdid wara l-Brexit se jżommu d-dritt tagħhom ta' residenza u ta' trattament indaqs.

Għal studenti li bdew l-istudji tagħhom fir-Renju Unit qabel il-Brexit, dan ifisser li se jkomplu jħallu l-istess miżati għat-tagħlim bħal ċittadini Brittaniċi u jkunu eliġibbli għal self għal miżati għat-tagħlim. Fir-rigward tal-aċċess għal għajjnuna ta' manteniment għall-istudji, bħal għotjiet tal-istudenti jew self għall-istudenti, l-istudenti tal-UE fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ se jkomplu jibbenefikaw mill-istess regoli bħal dawk li jibbenefikaw minnhom illum. Dawn l-intitolamenti se jkunu soġġetti għal kambjamenti futuri ta' politika domestika li japplikaw għal ċittadini tar-Renju Unit.

Il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea se tiskadi fi tmien snin. Dan ifisser li d-drittijiet tiegħi se jiskadu wkoll wara l-Brexit?

Id-drittijiet tiegħek ma għandhom l-ebda skadenza (***iżda jistgħu jspiċċaw f'ċerti ċirkostanzi, pereżempju assenza twila mill-istat ospitanti***).

Filwaqt li l-abilità tal-qrati tar-Renju Unit li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja għall-interpretazzjoni tagħha tal-Ftehim dwar il-ħruġ hija maħsuba li tkun limitata għal tmien snin, hija se tkun twila biżżejjed biex tiżgura li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi fuq l-iktar kwistjonijiet sinifikanti.

Aspetti oħrajn tal-Ftehim dwar il-ħruġ mhumiex limitati biż-żmien, bħall-effett dirett tal-Ftehim dwar il-ħruġ li għandu jirbaħ fuq leġiżlazzjoni jew miżuri nazzjonali inkompatibbli u li l-qrati tar-Renju Unit iridu jqisu l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.



Ninnota li l-kriterji għar-residenza se jkunu bbażati fuq il-kunċetti tal-liġi tal-moviment liberu tal-UE, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea iżda nemmen li r-Renju Unit ma wettaqx b'mod ġust il-liġi dwar il-moviment liberu tal-UE għalhekk jużaw interpretazzjoni żbaljata.

Ir-Rapport Konġunt huwa ċar: meta l-kriterji għar-residenza huma bbażati fuq kunċetti tal-liġi tal-moviment liberu tal-UE, dawn iridu jiġu interpretati skont id-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-mument tal-ħruġ. Meta r-Renju Unit jibbaża fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kunċetti tal-liġi tal-UE li toħloq kunflitt ma' deċiżjoni bħal din, hija l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li fl-aħħar mill-aħħar trid tirbaħ. Barra minn hekk, il-qradi tar-Renju Unit iridu jqisu sew l-interpretazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea wara l-ħruġ.

Kriminalità u abbuż

Ilni ngħix u naħdem fir-Renju Unit għal 11-il sena. Sentejn ilu ġejt misjub ħati b'reat kriminali u kkundannat terminu ta' ħames xhur priġunerija. Din il-priġunerija se taffettwa d-drittijiet tiegħi?

Il-kondotta kriminali jista' jkollha konsegwenzi fuq id-dritt ta' residenza, kemm skont il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu kif ukoll skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ. Għall-kriminalità mwettqa qabel il-Brexit, se japplikaw ir-regoli attwali tad-Direttiva dwar il-Moviment Liberu (**Kapitolu VI**).

Id-deċiżjonijiet kollha li jaffettwaw id-dritt ta' residenza meħuda abbażi ta' kriminalità mwettqa qabel il-Brexit se jkollhom jittieħdu strettament abbażi ta' każ b'każ u huma biss dawk it-trasgressuri li l-kondotta personali tagħhom tirrappreżenta theddida ġenwina, attwali u serja biżżejjed filwaqt li taffettwa wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà li jistgħu jitneħħew.

X'jiġri minn ċittadini tal-UE li jitħallew joqogħdu fir-Renju Unit skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ li jwettqu reat serju?

Kull kriminalità mwettqa wara l-Brexit se tkun soġġetta għal-liġi nazzjonali. Fir-Renju Unit, dan ifisser li dawk li jwettqu reat li jwassal għal sentenza ta' priġunerija ta' sena jew iktar se jitqiesu għad-deportazzjoni. Huma jkollhom id-dritt tal-appell kontra deċiżjoni bħal din u l-każ tagħhom ikun qed jiġi rivedut minn qorti indipendenti.

Ninsab inkwetat li bosta persuni se jippruvaw jingannaw biex jidħlu billi jagħmlu tabirruħhom li jkunu koperti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ. X'salvagwardji se jkollhom l-awtoritajiet?

Is-salvagwardji kollha attwali li l-Istati Membri għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom skont il-liġi tal-moviment liberu tal-UE biex jipproteġu kontra l-abbuż u l-frodi se jiġu replikati taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ. L-Istati se jkunu jistgħu jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jirrifjutaw, iwaqqfu jew ineħħu kwalunkwe dritt mogħti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ f'każ ta' abbuż tad-drittijiet jew frodi, bħal żwiġijiet ta' konvenjenza. Kwalunkwe miżura bħal din se jkollha tkun proporzjonata u se tkun soġġetta għal rimedju ġudizzjarju.



Id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tar-Renju Unit ibbażati fuq l-abbuż tar-regoli tad-drittijiet se jirriżultaw fit-telf tad-drittijiet tal-appell?

L-abbuż jew il-frodi jistgħu jirriżultaw fit-telf ta' residenza iżda mhux fit-telf tad-drittijiet tal-appell. Illum, l-Istat Membru ospitanti jista' jirrestrinġi d-drittijiet tal-moviment liberu ta' dawk iċ-ċittadini tal-UE li huma misjuba li jkunu qed jabbużaw mil-liġi tal-UE (**bħal żwiġijiet ta' konvenjenza**). Ladarba l-abbuż jew il-frodi jiġu ppruvati mill-awtoritajiet nazzjonali, il-persuna affettwata jkollha drittijiet sħaħ għal appell, inkluż id-dritt li tibqa' filwaqt li l-appell ikun pendent.

Ir-Rapport Konġunt jgħid li l-awtoritajiet tar-Renju Unit se jkunu jistgħu jwettqu kontrolli ta' kriminalità u ta' sigurtà sistematiċi fuq l-applikanti kollha għal status ġdid fir-Renju Unit. Dan huwa possibbli?

Iva. Il-kuntest tal-Brexit huwa wieħed speċjali ferm, għax l-awtoritajiet tar-Renju Unit se jkollhom bżonn jieħdu deċiżjoni fundamentali dwar jekk il-persuni, li se jieqfu milli jkunu ċittadini privileġġati mill-perspettiva tar-Renju Unit, għandux ikollhom status ta' residenza protetta fir-Renju Unit għall-bqija ta' ħajjithom.

F'dak il-kuntest, huwa xieraq li r-Renju Unit jistabbilixxi proċedura ġdida għal dawk li jfittxu li jiksbu dak l-istatus il-ġdid fir-Renju Unit. Din il-proċedura ġdida madankollu tkun tirrifletti r-regoli ġodda tal-UE dwar il-moviment liberu tal-UE. Dan ifisser li r-Renju Unit wara l-Brexit se jkun jista' jneħħi dawk it-trasgressuri tal-UE li wettqu r-reati tagħhom qabel il-Brexit biss jekk ikunu jistgħu jneħħuhom bħalissa.

Proċeduri amministrattivi

Qed nisimgħu ħafna dwar l-istatus speċjali tar-Renju Unit. Dan se japplika għaċ-ċittadini tal-UE wara l-Brexit u x'se jfisser?

Iċ-ċittadini kollha tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom li jgħixu fir-Renju Unit se jkollhom japplikaw għal status speċjali tar-Renju Unit wara l-Brexit. Filwaqt li l-istatus speċjali se jkun taħt il-liġi tar-Renju Unit, il-kundizzjonijiet li fuqhom iċ-ċittadini se jiksbu u jtitlufu mhux se jkunu iktar stretti minn dawk stabbiliti fil-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu attwali għall-kisba jew it-telf tad-dritt ta' residenza permanenti. Dan ifisser li:

- a) il-persuni kollha li jikkwalifikaw għal residenza permanenti skont il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu se jkunu jistgħu jikkwalifikaw għall-istatus speċjali tar-Renju Unit;
- b) l-awtoritajiet tar-Renju Unit jistgħu wkoll jagħtu status speċjali lil dawk li ma jikkwalifikawx għal residenza permanenti skont il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu;
- c) l-ebda persuna li ma tikkwalifikax biex titlef ir-residenza permanenti tagħha skont il-liġi tal-moviment liberu tal-UE mhi se titlef l-istatus speċjali tar-Renju Unit;



d) iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom se jingħataw dritt li jkunu assenti għal perjodu sa massimu ta' ħames snin mir-Renju Unit mingħajr ma jitilfu l-istatus speċjali tagħhom tar-Renju Unit; u

e) l-awtoritajiet tar-Renju Unit jistgħu jiddeċiedu li ma jirtirawx l-istatus speċjali minn dawk li kienu assenti għal iktar minn ħames snin.

Għall-kuntrarju tal-liġi attwali tal-UE dwar il-moviment liberu, iċ-ċittadini tal-UE kollha u l-membri tal-familja tagħhom fir-Renju Unit se jkunu meħtieġa jiksbu status speċjali - jew liv temporanju filwaqt li jakkumulaw il-ħames snin residenza meħtieġa biex jikkwalifikaw għalih - bħala l-bażi ġuridika għat-tkompliġa tar-residenza tagħhom fir-Renju Unit. L-istatus - **u d-dokument ta' residenza tar-Renju Unit maħruġ bħala xhieda ta' dak l-istatus** - se jkunu jagħmlu parti mid-dritt ta' residenza tagħhom.

Il-kisba ta' status speċjali tar-Renju Unit ifisser li ċ-ċittadini tal-UE se jkunu qed jitilfu drittijiet attwali?

Il-kundizzjonijiet kollha għall-kisba tal-istatus speċjali tar-Renju Unit se jkunu tal-inqas ġenerużi daqs dawk stabbiliti fil-liġi attwali tal-moviment liberu tal-UE għall-kisba ta' dritt ta' residenza permanenti. Mhu se jkun hemm l-ebda diskrezzjoni biex l-awtoritajiet tar-Renju Unit jirrifjutaw applikazzjoni għal raġunijiet mhux permessi skont ir-regoli attwali tal-UE. Kull persuna intitolata għall-protezzjoni se tiġi inkluża.

Il-kundizzjonijiet biex persuna titlef l-istatus speċjali tar-Renju Unit ikunu, minn naħa waħda, iktar ta' benefiċċju meta mqabbla ma' dawk li jinsabu fil-liġi attwali tal-UE dwar il-moviment liberu peress li ċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom se jingħataw għażla li jitilqu mir-Renju Unit għal ħames snin mingħajr ma jitilfu l-istatus speċjali tagħhom (**ir-regoli attwali jipprovdu biss għal sentejn**). Min-naħa l-oħra, kif inhu bħalissa, iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jitilfu l-istatus speċjali tagħhom jekk iwettqu reat fir-Renju Unit. Jekk ir-reat iseħħ wara l-ħruġ, id-deċiżjoni dwar dan it-telf tittieħed skont il-liġi nazzjonali tar-Renju Unit u r-restrizzjonijiet kollha li jkunu ġejjin mill-istrumenti tal-liġi internazzjonali applikabbli fir-Renju Unit.

X'se jżomm l-awtoritajiet tar-Renju Unit milli jbiddu l-liġijiet tagħhom dwar l-istatus speċjali fil-futur?

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ se jagħmilha ċara ferm li ladarba l-istatus speċjali tar-Renju Unit jingħata lil ċittadini individwali, mhux se jkun possibbli li dan jiġi rtirat minn ċittadini tal-UE individwali għal raġunijiet għajr dawk permessi b'mod espliċitu fil-Ftehim dwar il-Ħruġ. Id-drittijiet skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ se jkunu vinkolanti skont il-liġi internazzjonali u ċ-ċittadini tal-UE se jkunu jistgħu jibbażaw direttament fuq id-drittijiet tagħhom skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ fir-Renju Unit. Ir-Renju Unit se jilleġiżla, sabiex id-drittijiet taċ-ċittadini skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiġu inkorporati fil-liġi domestika tar-Renju Unit.

Il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit li timplimenta d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE stipulati fil-Ftehim dwar il-Ħruġ se tirbaħ fuq il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit. Dan ifisser li l-liġijiet tar-Renju Unit ma jistgħux "aċċidentalment" jieħdu d-drittijiet protetti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ. Jekk il-Parlament tar-Renju Unit fil-futur jiddeċiedi li jħassar il-leġiżlazzjoni li tagħti effett lid-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE fil-liġi tar-Renju Unit, dan it-tħassir jikser il-Ftehim dwar il-Ħruġ, u jwassal għal konsegwenzi ta' dan il-ksur skont ir-regoli tal-Ftehim dwar il-Ħruġ innifsu u l-liġi internazzjonali.



X'se tagħmel l-awtorità nazzjonali indipendenti fir-Renju Unit?

Fir-Renju Unit, il-parti tal-Ftehim dwar il-Ħruġ li tirrigwarda l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini se tkun sorveljata minn awtorità nazzjonali indipendenti; il-kamp ta' applikazzjoni u l-funzjonijiettagħha, inkluż ir-rwol tagħha biex taġixxi fuq l-ilmenti taċ-ċittadini, se jkunu diskussi bejn il-partijiet fil-fażi li jmiss tan-negozjati u riflessi fil-Ftehim dwar il-Ħruġ. Għandu jkun hemm skambju regolari ta' informazzjoni bejn il-Gvern tar-Renju Unit u l-Kummissjoni. Sabiex jiżdied il-valur reali għaċ-ċittadini, il-Kummissjoni tqis li din l-awtorità indipendenti għandha b'mod partikolari tkun tista' tirċievi lmenti mingħand ċittadini li jqisu li d-drittijiet tagħhom skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ ma ġewx rispettati u twettaq inkjesti filwaqt li jżomm l-awtoritajiet pubbliċi responsabbli.

Filwaqt li nħares lejn l-applikazzjoni attwali tal-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu fir-Renju Unit, ninsab inkwetat li s-sistema l-ġdida mhux se taħdem fil-prattika.

Ir-Renju Unit ipprova xi informazzjoni dwar il-passi li se jittieħdu biex iwettqu l-patt. Kollox se jkun speċifikat fil-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Biex noffru salvagwardji konkreti liċ-ċittadini, żgurajna li s-salvagwardji proċedurali kollha tad-Direttiva dwar il-Moviment Liberu se japplikaw. Dan ifisser id-dritt għal appell għal kwalunkwe deċiżjoni li tirrestrinġi drittijiet ta' residenza. Dan ifisser ukoll li ċ-ċittadin inkwistjoni jżomm id-drittijiet kollha skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ, sakemm tkun ittieħdet deċiżjoni finali, jiġifieri inkluża d-deċiżjoni ġudizzjarja finali wara proċedura ta' appell.

Jien eliġibbli għal residenza permanenti fir-Renju Unit iżda ma applikajtx għal dokument li jiċċertifika residenza permanenti. Għandi nagħmel hekk qabel il-Brexit?

Ma għandekx bżonn dokument bħal dan sabiex ikollok dritt ta' residenza permanenti fir-Renju Unit qabel il-Brexit. Madankollu, jista' jkun utli li tapplika għalih minn issa, jekk trid tapplika għaċ-ċittadinanza Brittanika qabel ma tkun disponibbli l-iskema tal-istatus speċjali l-ġdid, jew tixtieq tkun ta' sponsor għall-applikazzjoni għal viża tas-sieħeb/sieħba tiegħek mhux mill-UE skont ir-Regoli domestiċi ta' Immigrazzjoni tar-Renju Unit. Jekk tixtieq biss tikkonferma d-dritt tiegħek ta' residenza fir-Renju Unit wara l-ħruġ, l-awtoritajiet tar-Renju Unit javżawk biex tistenna l-iskema l-ġdida ta' status speċjali, li qed jimmiraw li jifitħu sal-aħħar tal-2018.

Bħala ċittadin tal-UE li ngħix fir-Renju Unit, ma għandix għalfejn napplika għal dokument ta' residenza issa. Se jkollni nagħmel dan wara l-Brexit? U għalfejn?

Bil-kuntrarju tal-lum, iċ-ċittadini kollha tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom li jgħixu fir-Renju Unit se jkunu meħtieġa jiksbu l-istatus speċjali skont il-liġi tar-Renju Unit bħala l-bażi ġuridika għall-kontinwazzjoni tar-residenza tagħhom fir-Renju Unit. L-istatus - **u d-dokument ta' residenza tar-Renju Unit maħruġ bħala xhieda ta' dak l-istatus**- se jkunu jagħmlu parti mid-dritt ta' residenza tagħhom. Bid-dokument il-ġdid, inti se tkun tista' tagħti prova tal-istatus ta' immigrazzjoni tiegħek mhux biss lill-awtoritajiet jew lill-pulizija tar-Renju Unit, iżda wkoll lil impjegaturi, banek, sidien tal-kera jew ħaddieħor.

Ninsab beżgħan(a) li l-proċedura amministrattiva l-ġdida li l-awtoritajiet tar-Renju Unit qed ifasslu għaċ-ċittadini tal-UE se tkun diffiċli ferm. Kif ipproteġiet id-drittijiet tiegħi l-UE fin-negozjati?



Ir-Renju Unit qed ifassal skema ġdida li fiha l-proċeduri amministrattivi għal applikazzjonijiet għal status speċjali se jkunu trasparenti, mingħajr intoppi u simplifikati, sabiex jiġu evitati piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa. Huwa mhuwiex se jirreplika proċeduri ta' residenza permanenti attwali.

Il-formoli ta' applikazzjoni se jkunu qosra, sempliċi, faċli biex jintużaw u aġġustati għall-kuntest tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ se jispeċifika li r-Renju Unit ma jistax jitlob iktar minn dak li huwa strettament meħtieġ u proporzjonat sabiex jiddetermina jekk il-kriterji għal residenza ntlaħqux. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ se jinkludi dispożizzjonijiet li jsegwu approċċ simili għad-dispożizzjonijiet dwar rekwiżiti evidenzjali fil-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu.

Nemmen li l-proċeduri amministrattivi tar-Renju Unit dwar l-immigrazzjoni huma wisq ikkumplikati. Se jkun hemm xi regoli jew salvagwardji biex jgħinuni bl-applikazzjoni?

L-awtoritajiet tar-Renju Unit se jaħdmu mal-applikanti għall-istatus speċjali l-ġdid tar-Renju Unit biex jgħinuhom jagħtu prova tal-eliġibbiltà tagħhom għalih u biex jevitaw kull żball jew omissjoni li jista' jkollhom impatt fuq id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni. L-awtoritajiet tar-Renju Unit se jagħtu l-applikanti l-opportunità li jipprovdu evidenza supplimentari jew jirranġaw kwalunkwe nuqqas fejn jidher li tkun seħħet omissjoni sempliċi. Se japplika prinċipju ta' flessibbiltà evidenzjali, li jippermetti lill-awtoritajiet tar-Renju Unit li jeżerċitaw diskrezzjoni favur l-applikant meta jkun xieraq. L-awtoritajiet tar-Renju Unit se jaħdmu mal-applikanti biex jgħinuhom itejbu l-eliġibbiltà tagħhom għall-istatus speċjali l-ġdid tar-Renju Unit. Applikanti li jinsabu fi żvantaġġ se jkunu jistgħu jibbażaw fuq servizzi ta' assistenza tat-tip li bħalissa joperaw fir-Renju Unit, pereżempju f'libreriji lokali.

Applikajt għal ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-UE fir-Renju Unit sentejn ilu. Ġbart kważi mitt paġna ta' dokumenti biex niżgura ruħi li l-awtoritajiet tar-Renju Unit fehmu li ssodisfajt il-kundizzjonijiet kollha. Ma rridx nerġa' ngħaddi mill-istess esperjenza. Din id-darba se tkun differenti?

Iva. Is-sistema l-ġdida tar-Renju Unit għal status speċjali mhux se titlob iktar minn dak li huwa strettament meħtieġ u proporzjonat sabiex jiddetermina jekk il-kriterji għal residenza ntlaħqux. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ se jinkludi dispożizzjonijiet li jsegwu approċċ simili għad-dispożizzjonijiet dwar rekwiżiti evidenzjali fil-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu. Fl-istess ħin, l-awtoritajiet tar-Renju Unit se jfittxu li jużaw l-evidenza diġà disponibbli lilhom (**bħal rekords dwar taxxi mħallsa fuq l-introjt**) biex inaqqsu l-evidenza li l-applikanti jkollhom jipprovdu.

Fi kliem ieħor, l-applikanti se jkollhom jipprovdu biss il-minimu tal-evidenza meħtieġa biex juru li jikkwalifikaw għall-istatus speċjali l-ġdid tar-Renju Unit (**għal ħaddiem dan ifisser karta tal-identità, evidenza li hu/hi ħadmu fir-Renju Unit għal ħames snin fil-passat u prova li hu/hi għadhom jgħixu fir-Renju Unit**) u xejn iktar.

Għaliya mhuwiex ċar liem kriterji l-awtoritajiet tar-Renju Unit se jużaw biex jiddeċiedu dwar status ġdid għal ċittadini tal-UE residenti. Tista' jekk jogħġbok tispjegali?

Il-kriterji biex iċ-ċittadini tal-UE jiksbu status ġdid fir-Renju Unit mhux se jkunu iktar stretti minn dawk stabbiliti llum fil-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu. Dan se jiżgura li iċ-ċittadini



kollha tal-UE li jikkwalifikaw għal dritt ta' residenza skont il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu se jikkwalifikaw għal status fir-Renju Unit u li ċittadini tal-UE li jikkwalifikaw għal dritt ta' residenza permanenti skont il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu se jikkwalifikaw għal status permanenti fir-Renju Unit.

Meta se tkun l-iskadenza biex iċ-ċittadini tal-UE japplikaw għal status ġdid fir-Renju Unit?

Iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom se jkollhom tal-inqas sentejn biex japplikaw għal status ġdid fir-Renju Unit. Matul dan il-perjodu u sakemm jiġu deċiżi l-applikazzjonijiet tagħhom, huma se jgawdu mid-drittijiet ta' residenza attwali tagħhom.

Se jkun hemm salvagwardji għal dawk li jiskorru l-iskadenza?

L-awtoritajiet tar-Renju Unit se jieħdu approċċ proporzjonali għal dawk iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom li jiskorru l-iskadenza għall-applikazzjoni meta jkun hemm raġuni valida. Dawk il-persuni li l-applikazzjonijiet tagħhom li jiskorru l-iskadenza ma jkunux aċċettati mill-awtoritajiet tar-Renju Unit se jkunu jistgħu jitolbu qorti indipendenti tar-Renju Unit biex tinvestiga ċ-ċaħda.

Xi applikazzjonijiet ta' immigrazzjoni huma għoljin ferm fir-Renju Unit. Kemm se jżommu l-awtoritajiet tar-Renju Unit li iċ-ċittadini tal-UE u lill-membri tal-familja tagħhom li japplikaw għal status ġdid wara l-Brexit?

Id-dokumenti ta' residenza l-ġodda tar-Renju Unit se jinħarġu mingħajr ħlas (***għal dawk li jibbażaw fuq dokument ta' residenza permanenti validu maħruġ skont il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu qabel il-Brexit***) jew għal ħlas li ma jaqbiżx dak impost fuq iċ-ċittadini għall-ħruġ ta' dokumenti simili (***tista' tistenna li tħallas daqs il-miżata li iċ-ċittadini Brittaniċi jħallsu għall-passaporti: din hija madwar £70 bħalissa***).

Illum, iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jappellaw kontra deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tar-Renju Unit. Dan id-dritt se jkun protett wara l-Brexit ukoll?

Iva, dan id-dritt se jibqa' bis-saħħa tar-Rapport Konġunt.

X'se jiġri minn dawk iċ-ċittadini tal-UE li l-applikazzjonijiet tagħhom għal status ġdid jiġu rifjutati mill-awtoritajiet tar-Renju Unit? Se jkunu jistgħu jibqgħu waqt li l-appell tagħhom ikun pendent?

Ċittadini tal-UE li l-applikazzjonijiet tagħhom għal status ġdid tar-Renju Unit wara l-Brexit jiġu rifjutati se jkunu jistgħu ifittxu rimedju ġudizzjarju kontra r-rifjut. Huma se jżommu d-dritt tagħhom ta' residenza sakemm id-deċiżjoni - ***jew l-appell*** - isiru finali. Bħal ma huwa attwalment il-każ skont il-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu, f'każijiet eċċezzjonali l-awtoritajiet tar-Renju Unit se jkunu jistgħu jneħħu applikanti rifjutati anki qabel ma tkun inqatgħet sentenza finali, iżda ma jridux iwaqqfu l-individwu milli jippreżenta d-difiża tiegħu hu nnifsu ħlief f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni.

Diġà għandi dokument li jiċċertifika residenza permanenti maħruġa lili mill-awtoritajiet tar-Renju Unit is-sena l-oħra. Onestament nixtieq li persuni bħali se jkunu permessi jibqgħu mingħajr ebda inkonvenjent.



Iva. Se jkollok tapplika għal status permanenti ġdid fir-Renju Unit (***status speċjali***) iżda, peress li diġa ksibt residenza permanenti fir-Renju Unit skont il-liġi dwar il-moviment liberu tal-UE eżistenti, il-proċedura amministrattiva se tkun formalità u jkollok biss tippreżenta karta tal-identità, tiddikjara kwalunkwe kundanna penali u turi li għadek tgħix fir-Renju Unit. Id-dokument ta' residenza tar-Renju Unit il-ġdid tiegħek se jinħareġ mingħajr hłas.

Sigurtà soċjali

Jien Brittaniku u naħdem Spanja. Dalwaqt nilħaq l-età tal-irtirar. X'se jiġri mid-drittijiet tiegħi għall-pensjoni tal-istat wara l-Brexit?

Xejn mhu se jiġri mill-pensjoni tiegħek tal-istat u kollox se jibqa' kif inhu issa. Inti se tkun intitolat għall-pensjoni tiegħek skont l-istess kundizzjonijiet bħal-lum, l-ammont se jiġi kkalkulat skont l-istess regola u tista' titlob li tesportaha u tivvalutaha mill-ġdid fi stat ieħor tal-UE jekk tkun tixtieq tissetilja band'oħra.

Jien irtirajt u issa nirċievi pensjoni tal-istat kemm mir-Renju Unit kif ukoll mis-Slovenja fejn kont naħdem qabel. Se jiġri xi ħaġa mill-pensjoni tiegħi wara l-Brexit?

Xejn mhu se jiġri mill-pensjoni tiegħek. Inti se tkompli tirċievi pensjoni tal-istat kemm mir-Renju Unit kif ukoll mis-Slovenja kif kont tirċievi qabel.

Fil-passat, ħdimt għal 12-il sena fir-Renju Unit. Mort ngħix pajjiż ieħor u issa qed naħdem l-Awstrija. Ladarba nirtira (madwar l-2035), x'se jiġri bil-perjodi ta' xogħol - u assigurazzjoni - fir-Renju Unit u l-Awstrija?

Il-perjodi ta' xogħol tiegħek se jibqgħu jgħoddu ladarba tirtira, se tirċievi l-pensjoni tiegħek tar-Renju Unit (***jew, aħjar minn hekk, il-parti tagħha li tikkorrispondi għat-12-il sena ta' impjieg***) u l-pensjoni Awstrijaka tiegħek (***il-parti li tikkorrispondi għan-numru ta' snin li se tkun ħdimt fl-Awstrija***) skont l-istess kundizzjonijiet li japplikaw attwalment fl-UE.

Ħdimt għal haġti kollha fir-Renju Unit u issa rtirajt Franza. Ninsab inkwetat(a) li l-pensjoni tiegħi tal-istat tar-Renju Unit mhux se tibqa' tiġi valutata mill-ġdid wara l-Brexit.

Ir-Rapport Konġunt jagħmilha ċara li l-benefiċċji kollha tas-sigurtà soċjali, bħall-pensjoni tax-xjuħija, se jkomplu jiġu valutati mill-ġdid skont ir-regoli nazzjonali.

F'każ li niddeċiedi li nitlaq mir-Renju Unit fil-futur, se nkun nista' nieħu l-benefiċċji tiegħi tas-sigurtà soċjali miegħi?

Jekk inti protett mill-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-benefiċċji rilevanti kollha tas-sigurtà soċjali se jibqgħu jkunu esportabbli kemm lejn l-istati tal-UE kif ukoll fir-Renju Unit, hekk kif jinsabu skont ir-regoli attwali tal-UE.



Jien ngħix u naħdem fir-Renju Unit. Illum nista' nieħu l-kura tas-saħħa fi sptar lokali mingħajr ebda inkonvenjent. Dan se jinbidel?

Mhu se jkun hemm l-ebda bidla wara l-Brexit.

Wara li ħdimt għal ħajti kollha fil-Belġju, irtirajt biex ngħix fir-Renju Unit. Illum nista' nieħu l-kura tas-saħħa fi sptar lokali mingħajr ebda inkonvenjent. Dan se jinbidel?

Mhu se jkun hemm l-ebda bidla wara l-Brexit. Il-Belġju se jkompli jirrimborża l-kostijiet tal-futur tal-kura tas-saħħa tiegħek, hekk kif jagħmel attwalment.

Bħalissa nibbaża fuq l-EHIC tiegħi biex niżgura aċċess għall-kura tas-saħħa meta nkun barra mill-pajjiż. Dan se jibqa' japplika?

Jekk tkun imsiefer dakinhar tal-Brexit, kemm jekk fuq żjara temporanja kif ukoll bis-saħħa ta' residenza, inti se tkun kopert mill-iskema tal-EHIC sakemm iddum f'sitwazzjoni transfruntiera.

Kwalifiki professjonali

X'inhuma kwalifiki professjonali?

Kwalifiki professjonali huma kwalifiki li persuna teħtieġ li jkollha bis-saħħa ta' dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi sabiex taċċessa jew twettaq attività professjonali jew grupp ta' attivitajiet professjonali. Pereżempju, l-użu ta' titlu professjonali (**pereżempju, tabib, perit, avukat**) huwa limitat b'dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi għal detenturi ta' kwalifika professjonali u jikkostitwixxi mod ta' eżerċizzju. Kwalifiki professjonali jistgħu jinkludu diplomi, ċertifikati u prova oħra ta' kwalifiki formali, kif ukoll attestamenti ta' livell ta' kompetenza u/jew esperjenza professjonali.

X'jiġri illum meta persuna tiċċaqlaq minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor bil-kwalifiki tiegħu jew tagħha?

Ċittadini tal-UE għandhom id-dritt li jfittxu professjoni, fuq bażi ta' impjegati jew impjegati għal rashom, fi Stat Membru ieħor apparti dak li fih kisbu l-kwalifiki tagħhom. L-Istati Membri huma obbligati jqisu l-kwalifiki li nkisbu fi Stati Membri oħrajn; u fi ftit professjonijiet (**tobba, infermiera, prattikanti dentali, kirurgi veterinarji, qwiebel, spiżjara u periti**) hemm sistema ta' rikonossiment awtomatiku bbażata fuq kundizzjonijiet ta' taħriġ minimu komuni. L-Istat Membru fejn huwa mfittex ir-rikonossiment irid joħroġ deċiżjoni li ttiprovdi għar-rikonossiment tal-kwalifiki inkwistjoni jew jiċħad l-applikazzjoni - deċiżjoni bħal din hija suġġetta għal appell skont il-liġi nazzjonali.

Dan ir-reġim tal-Unjoni ma japplikax għal applikazzjonijiet magħmula minn ċittadini ta' pajjiżi terzi. Il-kwalifiki miksuba f'pajjiżi terzi huma koperti mir-reġim tal-Unjoni biss f'każ li jkunu ġew assimilati fil-kwalifiki tal-Unjoni wara tliet snin ta' eżerċizzju fl-Istat Membru li rrikonossiehom l-ewwel.



Jien perit Brittaniku li ngħix u naħdem fl-Estonja. Se nkun nista' nkompli nipprattika l-professjoni tiegħi?

Iva. Jekk kellek kwalifika professjonali rikonoxxuta fil-pajjiż fejn tgħix bħalissa jew, għal ħaddiema bejn il-fruntieri, fejn taħdem, inti tkun tista' tkompli tibbaża fuq id-deċiżjoni ta' rikonoxximent ta' hemm għall-għan li twettaq l-attivitajiet professjonali tiegħek.

Applikajt għal rikonoxximent għall-kwalifika tiegħi. X'jiġri jekk ma nirċevix deċiżjoni qabel il-Brexit?

Jekk applikajt għal rikonoxximent, qabel id-data speċifikata, ma' awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tgħix bħalissa jew, għal ħaddiema bejn il-fruntieri, fejn taħdem, il-proċedura għar-rikonoxximent ta' dawk il-kwalifiki għandha tiġi kompluta skont ir-regoli tal-Unjoni applikabbli qabel id-data speċifikata. Dan għandu jggarantixxi t-tlestija mingħajr xkiel tal-proċedura u riżultat pożittiv, sakemm it-talba tiegħek kienet ġustifikata.

[1] https://ec.europa.eu/commission/publications/joint-report-negotiators-european-union-and-united-kingdom-government-progress-during-phase-1-negotiations-under-article-50-teu-united-kingdoms-orderly-withdrawal-european-union_en

[2] Ara l-punt 11 tan-nota teknika tar-Renju Unit tat-8 ta' Novembru dwar proċeduri amministrattivi, disponibbli fuq <https://www.gov.uk/government/publications/citizens-rights-administrative-procedures-in-the-uk/technical-note-citizens-rights-administrative-procedures-in-the-uk>.

[3] Din il-kwistjoni importanti għandha tiġi trattata fit-tieni fażi tan-negozjati. Ara hawn: https://ec.europa.eu/commission/publications/communication-commission-european-council-article-50-state-progress-negotiations-united-kingdom-under-article-50-treaty-european-union_en